MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Numru 10/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**VS**
**DANIELLE CARUANA**

Il- Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra Danielle Caruana ta' 19-il sena, bint Paul Caruana u Vivienne nee' Delmar, imwielda Haz-Zabbar fit-8 ta' Jannar 1990, residenti 112, Flt.3, Michael Flts, Mensija Rd, San Gwann u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 43990(M).

Illi hija akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, f'Ottubru 2009, u fix-xhur precedenti, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'eghmil zieni, ikkorrompiet lil *Ommissis A* minuri ta' taht l-eta' liema reat sar meta l-istess minuri giet fdata lilha, imqar ghal xi zmien, sabiex tiehu hsiebha, tindukraha jew izommha;
2. Eccitat, ghenet jew iffacilitat l-korruzzjoni ta' l-istess imsemmija minorenni ta' taht l-eta' cioe *Ommissis A*;
3. Ippartecipat f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' cioe *Ommissis A*;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (C) fejn tipprojbixxi lill-imputata milli tavvicina lil persuna u l-familjari taghha u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna involuti u l-familji taghhom ai termini ta' l-Artikolu 328A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentillment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet ir-rinunzja da parti tal-genituri ghal rigward ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2);

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata ghal rigward tat-tielet (3) akkuza datata 29 ta' Jannar 2010;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni kondizzjonata, wara li l-Qorti akkordat lill-imputata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta b'mod car illi *Ommissis B*, omm il-minuri *Ommissis A*, ghazlet illi tirrinunzja ghal azzjoni kriminali ghal rigward ta' dak kollu illi huwa rinunzjabbli.

Din ir-rinunzja baqghet tigi affermata anke wara illi l-Qorti spjegat il-konsegwenzi ta' din ir-rinunzja lil *Ommissis B*.

Din il-Qorti taghraf illi l-ewwel zewg akkuzi huma pienament rinunzjabbli mill-Parti Civili. Dan, pero', ma jghoddx ukoll ghat-tielet (3) akkuza illi hija prosegwibbli ex ufficio. Illi l-imputat ghamlet ammissjoni piena ghal din it-tielet akkuza u gie stabbilit l-entita' tal-partecipazzjoni ta' attivijiet sesswali da parti ta' l-imputata fuq l-istess minuri. Il-provi juru illi din l-attivita bdiet b'bews u karezzi hfief, imbaghad zvolgiet b'mess tas-sider tal-minuri u l-mess tal-parti privata ta' l-istess minuri u dana fuq medda ta' inqas minn sena fejn kien biss l-ahhar parti ta' dik is-sena illi sehhet il-korruzzjoni tal-minorenni bil-mess tal-partijiet genitali.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara illi ghal rigward ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza, in vista tar-rinunzja tal-kwerelanti, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit u ghal rigward tat-tielet (3) akkuza, l-Qorti ssib lill-imputata hatjata' l-istess tielet (3) akkuza u wara li rat Artikoli 203A, 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u tordna l-hrug ta' Protection Order ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-imputata u favur il-minuri *Ommissis A* u tal-familja taghha u dana sal-perijodu ta' l-20 ta' Novembru tat-2013 (meta allura l-minuri tkun maggiorenni) bil-kondizzjoni li l-imputata ma tkellimx u ma timmolestax lill-istess minuri jew lil familja taghha.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-fatt illi l-imputata ghandha eta' giovanili, hija *a first offender,* irregistrat ammissjoni bikrija u kkowoperat bis-shih mal-Pulizija u kienet instrumentali ghal prosekuzzjoni ta' terz fuq allegat

abbuz sesswali fuq l-istess tifla. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt ewlieni illi l-parte civile rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali meta giet biex tistabbilixxi l-piena propizja f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------